II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tat-18 ta' Diċembru 2008

### dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Anness 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

(2008/979/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 133 u 152(4)(b), flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2004 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera bil-ħsieb li jiġi aġġornat u adattat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli..

(2) Il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera nnegozjaw Ftehim li jemenda l-Anness 11 tal-Ftehim imsemmi.

(3) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Anness 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kondeferazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2009 sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Anness 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli, u l-Att Finali tiegħu, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, u l-Att Finali tiegħu, f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Sakemm ikunu kompluti l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2009 skont l-Artikolu 2 tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER